**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Frar, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 314/2017 AF**

**Darren Aquilina**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Darren Aquilina, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan huwa rikors bi procedura specjali stabbilita mill-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligi ta' Malta dwar ir-revoka ta' konfiska.

Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Marzu 2015 li giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017, Att ta' Akkuza numru 22/2008 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Aquilina", l-esponenti gie misjub hati ta'

diversi reati kontemplati fl-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza (Kap) skond kif jidher dettaljatament mill-kopja tas-sentenza hawn annessi u mmarkati Dokumenti A u B.

Fir-rigward ta' piena in segwitu ghal din is-sejba ta' htija, l-istess Qorti kkundannat lill-esponenti ghal piena komplessiva ta' disa' snin prigunerija u multa ta' €23,500 li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' tnax-il xahar prigunerija, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' €3,911.77 rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wkoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u mmobbli ohra tal-hati.

L-esponenti qieghed jipprevalixxu ruhhu minn dak li jiddisponi s-subartikolu 22(c) tal-Kap. 101 u jaghmel dan ir-rikors halli jitlob ir-revoka tal-konfiska ghal dak li jirrigwarda dan li gej:

1. L-appartament internament bin-numru sebgha (7) li jinsab fit-third floor u cioè fir-raba' sular, u li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti minghajr numru ufficjali izda maghruf bhala Block numru tnejn (2), u liema blokk jismu "Marina Azzurra Apartments", Triq l-Irmigg, Msida soggett ghas-sub cens annwu u perpetwu ta' hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) ekwivalenti ghal hames Liri Maltin (Lm5) bid-drittijiet pertinenzi kollha tieghu, liema appartament jigi fuq in-naha tax-xellug inti u thares lejn il-blokk ta' appartamenti liema appartament huwa sovrapost ghal appartament numru erbgha (4) u sottopost ghal penthouse numru ghaxra (10), bil-komunjoni tal-proprjetà flimkien mal-appartamenti kollha l-ohra fl-istess blokk tal-partijiet komuni tal-Blokk li jinkludu l-entrata, l-entratura, t-tarag u t-tromba tat-tarag u l-indani, s-sistema tad-drains u tad-drenagg, ix-xafts u l-lift, u bid-dritt tal-uzu tal-bejt tal-imsemmi blokk u dan sabiex ikun jista' jtella' u jzomm tank tal-ilma u aerial tat-television fuq il-communal pole, u kif ukoll bil-komunjoni tal-proprjetà flimkien mal-appartamenti kollha l-ohra fl-istess

blokk inkluz l-pedestrian area retroposta ghall-istess blokk. L-imsemmi blokk jikkonfina mill-Lvant u mill-Punent ma' beni ta' Tower Estates Limited, mit-Tramuntana mal-imsemmija triq jew irjieh verjuri u dan kif ahjar deskritt u taht is-servitujiet attivi u passivi indikati fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia tas-sitta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (26/07/2005) (Dok. C)

2. L-appartament numru tmienja (8) formanti parti minn blokk numru sitta (6) li jismu "Lourdes Buildings" f'Enrico Mizzi Street, Msida deskritt ukoll li qieghed l-Gzira kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' hmistax-il Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€15.72) ekwivalenti ghal sitt Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6.75) bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu inkluz sehem indiviz tal-partijiet komuni tal-blokk li jinkludi t-tarag, bejt, sistema ta' drenagg kif ahjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Patrick Critien tat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok. D).

3. Kont personali tal-esponenti fl-HSBC Bank Malta plc.

L-akkuzi relattivi ghall-esponenti jirrigwardaw akkuzi relattiva ghal dak li sehh bejn Jannar u Frar 2007.

L-artikolu 22(c) fuq imsemmi jistipula illi meta tkun saret ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu 3(a) tal-Artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, l-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni "li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat mill-Qorti tal-Gustizzja Kriminali) u lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitt jew dhul bhal dak."

Il-proprjetà mertu ta' din il-kawza ma gietx akkwistata bi profitt jew dhul mill-ghemil ta' reat kontemplat fl-Ordinanza u konsegwentement tali proprjetà m'ghandhiex tibqa' milquta

bid-decizjoni tal-konfiska u ghandha tintradd lura lir-rikorrenti bis-sahha tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi meta l-esponenti akkwista l-proprjetà fuq imsemmija, dan ma kienx b'xi profitt jew dhul minn ghemil ta' reati li taghhom l-esponenti instab hati u lanqas ma huma proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk kontemplati fil-Kapitolu 101; u

2. Thassar l-ordni ta' konfiska li nkwantu tolqot il-proprjetà mobbli u mmobbli fuq imsemmija.

3. Tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-Att opportun, tahtar Nutar sabiex jippubblika tali Att u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficcjali tas-27 ta' Marzu 2017 kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha gie eċċepiet illi:

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-esponent qed jopponi ghar-rilaxx taghhom diment li r-rikorrent ma jgibx prova konkreta u sodisfacjenti li l-provenjenza tal-oggetti u tal-proprjetà li taghhom qed jitlob ir-rilaxx, mhux rizultat ta' xi profitt jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu r-rikorrent instab hati jew proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjetà indikata fir-Rikors Promotur u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrenti.

In vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Rat l-affidavit imressqa.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, r-rikorrenti Darren Aquilina qieghed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali fil-proceduri Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis Darren Aquilina u deciza fl-4 ta' Marzu 2015 u konfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata 23 ta' Frar 2017.

Fis-sentenza taghha il-Qorti Kriminali, minbarra li nfliggiet fuq ir-rikorrenti odjern piena karcerarja u hlas ta' multa, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli li jappartjenu lill-hati.

Il-proċedura tal-lum qiegħda ssir skont l-artikolu 22Ċ(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew*

*indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."*

L-artikolu 22(3A)(d) li jsir referenza ghalih mill-artikolu appena ċitat jgħid hekk:

*"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subaritkolu (1) ta' l-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*

*(...)*

*(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija datata 30 ta' Ġunju 2011:

*"Qari tal-artikolu 22(3A)(d) juri illi l-konfiska tal-flejjes, jew proprjeta mobbli jew immobbli mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi biex il-Qorti tordna l-konfiska. Infatti l-kelma uzata f'dan l-artikolu 22(3A), hi 'ghandha b'zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha' ... 'tordna l-konfiska' ...*

*Ghalhekk kemm jekk il-Qorti tal-Magistrati fil-Gurisdizzjoni Kriminali taghha sabet htija wara ezami tal-provi jew fuq ammissjoni tal-akkuzat ma kien jaghmel ebda differenza ghall-ordni ta' konfiska. U ghalhekk il-legislatur ipprovda li wara t-terminazzjoni tal-proceduri fejn oltre l-piena tkun saret il-konfiska, il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tista' tavvali ruhha mill-procedura*

*specjali msemmija fl-artikolu 22C biex tiehu lura l-oggetti konfiskati jekk jigu ppruvati l-estremi provduti fl-istess ligi.*

*(...)*

*F'dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-proprjetà jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali ("**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005).*

*Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*

*Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza*

*tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien."*

Għalhekk, sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu, r-rikorrenti kien jeħtieġlu jressaq provi biex juru li l-ġid li għandu ma kienx ġej minn qliegħ provenjenti mill-eghmil ta' reat taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih nstab ħati r-rikorrenti.

Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-proprjetà konfiskata li jsemmi r-rikorrenti fir-rikors tieghu ma ġietx akkwistata minn dħul jew profitt provenjenti mir-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent.

Jirrizulta li r-reati li taghhom ir-rikorrenti nstab hati sehhew jew jirrigwardaw il-perjodu bejn Ottubru 2006 u Frar 2007.

Jirrizulta li l-appartament Nru. 6, "Lourdes Building", Enrico Mizzi Street, Msida gie akkwistat minn Darren Aquilina fit-13 ta' Novembru 2002 minghand ohtu Miriam Abela. Jirrizulta pruvat illi missier ir-rikorrenti kien akkwista ghal uliedu kollha appartament kull wiehed mill-binja msemmija fi zmien meta r-rikorrenti kien ghadu taht l-età. L-appartament destinat li jkun tar-rikorrenti kien gie akkwistat f'isem ohtu li mbaghad ghaddietu lil huha fl-2002 malli dan kien ghalaq tmintax-il sena. L-appartament tar-rikorrenti, bhal dawk ta' hutu kien thallas minn fondi tal-missier. Din l-ispjegazzjoni li jaghti r-rikorrenti hija konfortata bix-xhieda ta' omm ir-rikorrenti, ta' hutu u kif ukoll tal-istess Nutar Patrick Critien li kien ippubblika l-kuntratti kollha relattivi u jiftakar sew ic-cirkostanzi.

L-istess qieghed jigi meqjus ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni proprjetà tar-rikorrenti u cioè l-appartament Nru. 7, "Marina Azzurra Apartments", Triq l-Irmigg, l-Imsida. Jirrizulta ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-appartament akkwistat fis-27 ta' Lulju 2005 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia effettivament thallas minn missier ir-

rikorrenti, llum mejjet.  L-omm tikkonferma li meta r-rikorrenti kien f'relazzjoni ma' Anastasija, dak iz-zmien Volodymrivna, il-koppja kienet tghix maghhom izda meta twieled iben, missier ir-rikorrenti kien dispost jghin finanzjarjament lil Darren Aquilina biex jixtri daru.  Omm ir-rikorrenti tikkonferma li l-missier xtaq jghin lilu kif ghen lil hutu.  Infatti l-appartament thallas minn Joseph Aquilina permezz ta' cheques mahruga fuq il-kont tal-istess Joseph Aquilina, kif tikkonferma wkoll in-Nutar li ppubblikat l-att relattiv.

Finalment, ghar-rigward tas-*savings account* mal-bank HSBC, liema kont igib in-numru 085-054559-050, jirrizulta pruvat mid-dokumenti esibiti u x-xhieda moghtija minn rapprezentant tal-Bank HSBC stess, illi l-fondi fih depozitati jirrisalu kjarament ghall-perjodu antecedent ghal dak meta saru r-reati li taghhom gie misjub hati Darren Aquilina.  Inoltre, jirrizulta wkoll li d-depoziti relattivi, li *del resto* mhumiex ammonti kbar, saru fi zmien meta r-rikorrenti kien regolarment impjegat, kif jikkonferma wkoll ir-rapprezentant ta' Jobsplus.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta li l-proprjetà msemmija ma gietx akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' profitt jew dhul mill-eghmil tar-reati li taghhom instab hati.

Il-Qorti finalment tiddikjara tqis it-tielet talba tar-rikorrenti superfluwa stante dak li jipprovdi l-Art. 22C(8) li testwalment jghid illi:

> *"Bla ħsara għas-subartikolu (9), kull sentenza li tirrevoka l-konfiska ta' proprjetà immobbli titqies li tittrasferixxi t-titolu ta' dik il-proprjetà lura mingħand il-Gvern lill-parti li favur tagħha tingħata, u dik il-parti tkun tista' tikseb ir-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment fir-Reġistru Pubbliku."*

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u thassar l-ordni tal-konfiska fejn din tolqot:

1. L-appartament Nru. 7, "Marina Azzurra Apartments", Triq l-Irmigg, Msida kif deskritt fir-rikors promotur;

2. L-appartament Nru. 8, "Lourdes Buildings", Enrico Mizzi Street, Msida kif deskritt fir-rikors promotur;

3. Il-kont mal-HSBC Bank Malta plc f'isem Darren Aquilina, liema kont igib in-numru 085-054559-050.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG